Bank Ewropew tal-Investiment

il-bank tal-UE




# Rapport tal-Attività

# 2012

Ir-riċerka u l-iżvilupp fil-grupp Svediż tal-inġinerija ta' teknoloġija avvanzata Sandvik qed jgħinu biex isaħħu l-irwol tal-Ewropa bħala mexxejja fil-qasam tat-teknoloġija industrijali. Il-BEI jappoġġja l-innovazzjoni bħala mutur tat-tkabbir sostenibbli u l-kompetittività fl-Ewropa. Fl-2012 il-Bank investa madwar EUR 9 biljun fl-ekonomija tal-għarfien



# Werrej


**2** Riżultati ewlenin fl-2012

**4** Kelmtejn Qabel mill-President

**6** Il-ftuħ tal-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir

- **8** Tingħata spinta għall-innovazzjoni għal tkabbir intelliġenti fl-Ewropa
- **10** Il-bini ta' Ewropa interkonnessa
- **12** Stimolu għall-irkupru ekonomiku
- **14** Appoġġ għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju

**16** Appoġġ għall-koeżjoni ekonomika u soċjali

- **17** Tingħata spinta lir-reġjuni ekonomikament aktar dgħajfa
- **18** Prodotti magħmula apposta biex jintużaw il-fondi strutturali
- **19** Adattament għal ċirkustanzi eċċezzjonali
- **20** Assistenza għar-reġjuni inqas avvanzati

**22** Il-ħarsien tal-ambjent — Il-finanzjament tal-azzjoni għall-klima

- **23** Jitħaddmu l-finanzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet
- **24** Inżidu r-reżiljenza tal-klima
- **25** Fondi u inizjattivi speċjalizzati
- **26** Ngħinu l-ibliet isiru aktar ekoloġiċi

**29** Il-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli lil hinn mill-fruntieri tal-UE

**32** Sieħeb finanzjarju sod

**33** L-akbar sellief sovranazzjonali fid-dinja

**34** Il-Governanza tal-BEI

# **Riżultati** fl-2012

It-tislif totali laħaq **EUR 52 biljun**, f'appoġġ għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE u lil hinn minnha

**400 proġett** iffinanzjati f'aktar minn 60 pajjiż



Madwar **EUR 9 biljun** investiti fl-innovazzjoni

Il-finanzjament għar-reġjuni tal-UE li ntlaqtu bl-aktar mod kiefer mill-kriżi ekonomika u finanzjarja laħaq **EUR 15-il biljun**

200 000 intrapriża ta' daqs żgħir u medju rċevew finanzjament mill-Grupp tal-BEI għal total ta' **EUR 13-il biljun**

**Żieda ta' EUR 10 biljun ta' kapital approvata li se tiffaċilita EUR 60 biljun addizzjonali ta' tislif għal proġetti fl-UE bejn l-2013 u l-2015**





Tislif ta' kważi EUR 7 biljun għan-netwerks tat-trasport u l-enerġija li jikkollegaw l-Ewropa









Tislif għall-azzjoni għall-klima:
EUR 13-il biljun



# Kelmtejn Qabel
# mill-President







L-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja ċirkustanzi ekonomiċi diffiċli u żieda fil-qgħad, b'konsegwenzi drammatiċi għas-soċjetajiet tagħna u b'mod partikolari għaż-żgħażagħ. Jidher ċar li żminijiet eċċezzjonali jeħtieġu miżuri eċċezzjonali u hemm bżonn ta' rispons Ewropew koerenti biex tingħeleb il-kriżi.

Il-BEI, bħala l-bank tal-UE, għandu rwol kruċjali biex jiżgura l-investiment fi proġetti li jappoġġjaw it-tkabbir u l-impjiegi. Huwa għalhekk li jien ninsab kburi partikolarment li matul l-ewwel sena tiegħi bħala President tal-BEI, l-azzjonisti tagħna, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, ħadu d-deċiżjoni storika li prattikament jirdoppjaw il-kapital imħallas tal-BEI b'żieda ta' EUR 10 biljun. Issa aħna lesti li nżidu t-tislif tagħna b'madwar EUR 200 biljun matul it-tliet snin li ġejjin sal-2015.

Ilħaqna ftehim mal-Istati Membri tal-UE biex niffokaw l-attivitajiet ta' finanzjament tagħna fl-Ewropa fuq l-innovazzjoni u l-ħiliet, it-tislif lill-SMEs, l-effiċjenza fir-riżorsi (inkluża l-enerġija nadifa) u infrastruttura strateġika b'appoġġ għall-objettiv ġenerali tagħna ta' tkabbir sostenibbli. Dawn huma oqsma fejn l-aċċess għall-finanzi kien tassew diffiċli u fejn il-finanzjament tal-BEI se jiftaħ finanzjament addizzjonali għas-settur privat biex jimmassimizza t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Barra minn hekk, billi ngħaqqdu l-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi tal-baġit tal-UE, nistgħu niksbu riżultati aktar effettivi.

Il-BEI wieġeb u se jkompli jwieġeb għall-bżonijiet speċifiċi tar-reġjuni li ntlaqtu bl-aktar mod kiefer mill-kriżi billi f'ħafna każijiet il-bank tagħna se jkun l-uniku finanzjatur li jista' jassumi dan l-irwol fuq skala sinifikanti.

Fl-2012, il-Bank tagħna ppreżenta l-pjan operazzjonali miftiehem u ffinanzja madwar 400 proġett f'aktar minn 60 pajjiż għal ammont ta' EUR 52 biljun. B'mod konformi mal-ambizzjoni tagħna li nagħmlu 'aktar u aħjar' għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE, se nagħtu aktar attenzjoni minn qabel għall-kwalità tal-proġetti li niffinanzjaw. Għalhekk daħħalna sistemi ta' kejl imsaħħa li se jagħtuna opinjonijiet aħjar dwar ir-riżultati tal-proġetti li niffinanzjaw.

Is-servizzi ta' konsulenza tagħna li jgħinu lill-Istati Membri tal-UE biex iħejju u jimplimentaw proġetti ta' investiment sodi qed juru li huma essenzjali biex





Il-BEI, bħala l-bank tal-UE, għandu rwol kruċjali biex jiżgura l-investiment fi proġetti li jappoġġjaw it-tkabbir u l-impjiegi.

tiżdied il-kapaċità għall-proġetti li jikkwalifikaw għall-finanzjament tal-BEI kif ukoll għal proġetti li jużaw flejjes tal-fondi strutturali tal-UE.

L-attivitajiet ta' finanzjament tal-BEI huma ssupplimentati bl-istrumenti speċifiċi offruti mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), li jiffokaw fuq il-provvediment ta' finanzjament ta' riskju għal benefiċċju ta' SMEs u negozji fil-fażi inizjali kif ukoll il-mikrofinanza. Sar sforz speċifiku biex ikun hemm aktar interventi konġunti li jinkludu t-tagħqid ta' garanziji tal-FEI ma' self tal-BEI għal SMEs.

Barra mill-UE, il-bank tagħna kompla jiffinanzja proġetti b'ammont ta' EUR 7.4 biljun f'appoġġ għall-objettivi tal-politika barranija tal-Unjoni Ewropea. Il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni u l-Ġirien tagħna tal-Lvant u tan-Nofsinhar jibqgħu waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħna. Iżda l-BEI huwa wkoll id-driegħ ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea madwar id-dinja sabiex jingħata kontribut għat-tiswir tal-proċess tal-globalizzazzjoni tal-21 seklu.

Is-saħħa finanzjarja tagħna hija riflessa fil-kassifikazzjoni AAA tagħna u permezz ta' din fl-2012 stajna nisselfu EUR 71 biljun fis-swieq kapitali internazzjonali. Dan huwa stimolu importanti billi huma flejjes li jitħaddmu fl-ekonomija reali. Barra minn hekk, hija wkoll indikazzjoni ċara tal-fiduċja fil-BEI u fill-'brand UE" b'mod ġenerali.

Bħala l-bank tal-UE, fl-2013 ser niffukaw biex ikollna rwol kontroċikliku u naġixxu bħala sieħeb affidabbli għal proġetti sodi fl-UE u lil hinn minnha. Il-proġetti li niffinanzjaw jagħmlu differenza ġenwina f'ħajjet in-nies, sew billi jiġu assigurati impjiegi ma' mijiet ta' eluf ta' negozji żgħar, billi jiġi żgurat li proġetti infrastrutturali importanti li jmexxu t-tkabbir jistgħu jibqgħu għaddejjin fir-reġjuni li huma milquta l-aktar mill-kriżi, jew billi jinżamm l-appoġġ għal innovazzjoni rivoluzzjarja u enerġija nadifa li jgħinu lill-Ewropa żżomm il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fuq skala globali.

Werner Hoyer





# Il-ftuħ tal-potenzjal tal-Ewropa għat-tkabbir

Sabiex il-finanzjament ikun ta' servizz għall-ekonomija reali, il-BEI ffirma kuntratti ta' finanzjament li swew EUR 52 biljun fl-2012, li ffokaw fuq proġetti bl-akbar impatt fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

L-irwol tal-BEI fl-appoġġ tal-investiment fit-tul biex tingħata spinta għat-tkabbir fl-Ewropa u lil hinn minnha sar ferm aktar kruċjali fid-dawl tal-isfidi ekonomiċi attwali. Il-BEI juża l-kompetenza esperta finanzjarja u teknika tiegħu biex itejjeb il-finanzjament f'oqsma fejn l-appoġġ huwa meħtieġ, b'mod speċjali fir-reġjuni u l-pajjiżi periferali aktar ekonomikament dgħajfin tal-Ewropa. Barra minn hekk, jaġixxi bħala katalista għall-investiment privat u pubbliku, billi joffri garanzija għall-kwalità tal-proġetti u jattira kofinanzjaturi. Dan jiżgura li l-finanzjament huwa disponibbli għal forzi motriċi ewlenin, bħall-ħiliet u l-innovazzjoni, l-SMEs u proġetti tal-azzjoni għall-klima.






## Żieda fil-kapital għal tislif addizzjonali fl-UE

Il-BEI kellu rwol prominenti fil-pjan Ewropew għall-irkupru ekonomiku mill-2008, fejn ippreżenta volumi eċċezzjonali ta' tislif qabel ma mar lura, kif ippjanat, għal-livelli aktar baxxi ta' tislif fl-2012 biex jissalvagwardja s-saħħa finanzjarja tiegħu u għaldaqstant il-kapaċità tiegħu li jissellef b'rati attraenti fis-swieq finanzjarji.

Fl-2012, l-azzjonisti tal-BEI (is-27 Stat Membru tal-UE) laħqu ftehim dwar żieda kapitali ta' EUR 10 biljun, u b'hekk żguraw li finanzjament addizzjonali sa EUR 60 biljun ikun disponibbli għall-Istati Membri b'appoġġ għall-ekonomija reali għall-perjodu 2013-2015. B'din iż-żieda kapitali l-Bank ikun jista' jżid l-appoġġ fis-setturi fejn il-finanzjament kien diffiċli biex jinkiseb. Il-Bank ser ikompli jgħaqqad il-finanzjament tiegħu mar-riżorsi tal-UE biex itejjeb l-effiċjenza u jimmassimizza l-impatt fuq it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.

**Bħala l-Bank tal-UE, il-BEI jaħdem biex jagħti spinta lit-tkabbir u spinta għall-impjiegi fl-Ewropa. Qed nagħmlu aktar u aħjar biex ngħinu sabiex l-ekonomija tal-Ewropa tmur lura għal-livelli preċedenti.**



## Tingħata spinta

# għall-innovazzjoni għal tkabbir intelliġenti fl-Ewropa



Il-BEI investa f'riċerka ta' sistemi ġodda, bħal-Large Hadron Collider f'CERN f'Ġinevra. Self ta' EUR 300 miljun għen biex jiffinanzja l-kostruzzjoni tal-aċċeleratur tal-partikli, u dan wassal għal skoperta innovattiva fl-2012.

Huwa kruċjali li l-investiment fl-innovazzjoni jitqiegħed fil-mira billi l-finanzjament f'dan is-settur huwa vulnerabbli b'mod speċjali għal tnaqqis fi żminijiet ta' awsterità. Fl-2012, il-BEI investa madwar EUR 9 biljun fl-UE b'appoġġ għall innovazzjoni u l-ħiliet.

## Aċċellerazzjoni tal-innovazzjoni

Ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni (RŻI) huma essenzjali biex tittejjeb il-kompetittività tal-Ewropa. Il-BEI jgħin biex jiffinanzja r-RŻI f'istituzzjonijiet akkademiċi u fis-settur privat, filwaqt li jħeġġeġ it-trasferiment tal-għarfien bejn iż-żewġ setturi.

Fl-2012, il-BEI ta bidu għal reviżjoni tal-offerta tal-prodotti tiegħu bil-għan li jżid l-appoġġ tiegħu għal investimenti fl-RŻI. Huwa mistenni li eżerċizzju ta' stħarriġ tas-suq u studju tas-settur ser iwasslu għal prodotti finanzjarji ġodda biex jindirizzaw l-ineffiċjenzi strutturali u tas-suq sabiex ideat innovattivi jistgħu jsiru opportunitajiet ta' negozju konkreti.





## L-ekonomija diġitali hija essenzjali għal tkabbir fuq żmien fit-tul

It-teknoloġiji tal informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) ibbażati fuq l-internet huma muturi essenzjali tat-tkabbir, fejn in-netwerks tal-broadband ikkontribwew madwar 2.1 miljun impjieg addizzjonali fl-UE bejn l-2006 u l-2015. L-investiment fl-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni huwa neċessarju biex jappoġġja l-ħtiġijiet dejjem akbar tad-dejta fl-Ewropa u huwa wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Aġenda Diġitali tal-Ewropa. L-internet superveloċi, in-netwerks mobbli u l-cloud computing għaldaqstant huma oqsma prijoritarji għall-Bank. Fl-2012, il-BEI ta EUR 1.5 biljun f'self għal investimenti fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni bħala parti mill-finanzjament tiegħu għall-innovazzjoni.

## Jitqiegħdu fil-mira l-investimenti għoljin b'valur miżjud

Proġetti b'riskju ogħla u b'valur miżjud ogħla f'teknoloġiji prijoritarji huma qasam ewlieni tal-investiment għall-BEI u l-FEI, mhux l-inqas minħabba li l-kriżi naqqset il-volontà ta' fondi privati ta' kapital ta' riskju biex jieħdu riskji f'intrapriżi innovattivi li għadhom fl-istadju tal-bidu. Fl-2012, il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), li jiffoka fuq il-finanzjament innovattiv għall-SMEs, nieda l-Istrument għall-Qsim tar-Riskju (SQR). Dan għandu l-għan li jħeġġeġ lill-banek biex jipprovdu self u kirjiet lil SMEs li għaddejjin bi proġetti tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni. S'issa, ġew iffirmati seba' ftehimiet għal ammont totali ta' EUR 345 miljun.

## Forza motriċi għat-tkabbir intelliġenti

L-innovazzjoni teħtieġ ħiliet, u l-edukazzjoni ta' kwalita għolja hija ingredjent essenzjali għal ekonomiji mexxejja tas-seklu 21. Fl-2012, il-BEI appoġġja l-edukazzjoni u l-ħiliet b'self ta' EUR 1.5 biljun.

Il-BEI jiffoka fuq investimenti li jtejbu l-kwalità tal-edukazzjoni u jippromwovu ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Ogħla u ż-Żona Ewropea tar-Riċerka. L-għan ġenerali huwa li jittejbu l-koerenza u l-integrazzjoni tal-edukazzjoni ogħla u r-riżorsi xjentifiċi fl-Ewropa. L-appoġġ tal-BEI jinvolvi l-provvediment ta' sostenn finanzjarju għal investimenti fi skejjel u faċilitajiet universitarji, għar-riformi li għandhom fil-mira l-kwalità u l-kompetittività tal-edukazzjoni terzjarja, u għal inizjattivi tat-trasferiment tat-teknoloġija li jippromwovu l-innovazzjoni billi jnaqqsu d-distakk bejn l-akkademiċi u n-negozji.

**It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) ibbażati fuq l-internet huma muturi essenzjali tat-tkabbir fejn in-netwerks tal-broadband ikkontribwew madwar 2.1 miljun impjieg addizzjonali fl-UE bejn l-2006 u l-2015. Fl-2012, il-BEI ta EUR 1.5 biljun f'self għal investimenti fl-ICT.**



# Il-bini
# ta' Ewropa interkonnessa



Bl-għeluq tal-ħajt tal-baħar ta' Maasvlakte 2 fl-2012, l-espansjoni tal-Port ta' Rotterdam mexa pass ieħor 'il quddiem lejn it-tlestija. Self tal-BEI ta' EUR 900 miljun jappoġġja dan il-proġett infrastrutturali ewlieni.

Il-kollegamenti strateġiċi tat-trasport huma vitali biex itejbu u jżommu l-kompetittività tan-negozji Ewropej filwaqt li joħolqu impjiegi għal miljuni ta' ċittadini Ewropej. Fl-2012, il-BEI silef EUR 6 biljun għan-netwerks ewlenin tat-trasport tal-UE.

Il-BEI huwa sieħeb naturali fil-finanzjament għal investimenti fuq skala kbira fin-netwerks tat-trasport minħabba d-daqs tagħhom, l-orjentament tagħhom fuq żmien fit-tul u l-isfida finanzjarja li jistgħu jirrappreżentaw għal investituri pubbliċi nazzjonali u reġjonali. Il-Bank għandu fil-mira proġetti infrastrutturali b'valur sod għas-soċjetà inġenerali, filwaqt li l-kompetenza esperta tiegħu tattira finanzjament addizzjonali minn investituri oħrajn.

Fl-2012, il-BEI appoġġja 30 proġett infrastrutturali ewlieni tat-trasport, li jikkollegaw għaxar pajjiżi fin-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (TEN-T) tal-UE. Il-kollegamenti tat-trasport trans-Ewropej iżidu l-potenzjal għall-kummerċ ġewwa u barra mill-UE u jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku. Barra minn



hekk, is-settur tat-trasport huwa impjegatur ewlieni, responsabbli għal wieħed minn kull 20 impjieg fl-Ewropa.

Il-BEI jipprovdi finanzjament għall-modi kollha tat-trasport flimkien mal-loġistika u sistemi tat-trasport intelliġenti. Ir-riżultati huma benefiċċji tanġibbli għan-negozji u ċ-ċittadini kollha li jgawdu minn sistema ta' trasport aktar effiċjenti, sostenibbli u effettiva.

## Fażi pilota tal-Inizjattiva tal-Bonds ta' Proġetti

Fl-2012, il-BEI u l-Kummissjoni Ewropea nedew fażi pilota tal-inizjattiva tal-bonds ta' proġetti, li għandha l-għan li tagħti spinta għall-finanzjament ta' proġetti infrastrutturali prinċipali billi tattira investituri istituzzjonali bħall-fondi tal-pensjoni u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni.

Il-bonds ta' proġetti għandhom il-mira li l-kumpaniji nfushom ta' proġetti jkunu jistgħu joħorġu bonds ta' grad ta' investiment. Billi jużaw il-mekkaniżmu għall-qsim tar-riskju tal-Kummissjoni, il-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' bonds privileġġjati tittejjeb għal livell għoli biżżejjed biex jattira investituri istituzzjonali. Dan jirriżulta f'użu aktar effettiv tar-riżorsi tal-baġit tal-UE u perjodi ta' implimentazzjoni aktar veloċi għal proġetti ta' valur.

Taħt dan il-proġett pilota, il-baġit tal-UE qed jipprovdi EUR 230 miljun f'garanziji għal investiment




infrastrutturali fis-setturi tat-trasport, tal-enerġija u tal-komunikazzjoni u ser jiffoka biex iħeġġeġ multipliċità ta' kontribuzzjonijiet tas-swieq kapitali. Il-BEI qed imexxi l-fazi pilota 2012-2012, qabel ma jkun hemm ħruġ bis-sħiħ mill-2014.

Is-sħubiji li jgħaqqdu l-finanzjament pubbliku u privat jistgħu jgħinu wkoll biex jingħalqu d-distakki tal-finanzjament. Għalkemm l-għadd ta' sħubiji bejn is-settur pubbliku u l-privat (PPP) naqas matul il-kriżi, dawn xorta kellhom rwol importanti fl-investiment, b'mod partikolari fin-netwerks tat-trasport. Il-BEI għandu esperjenza u kompetenza esperta konsiderevoli f'dan il-qasam u għandu rwol importanti fiċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-PPP (EPEC). Din l-inizjattiva konġunta tal-BEI, il-Kummissjoni Ewropea u 35 Stat Membru u Pajjiżi Kandidati tal-UE tgħin lill-membri tagħha billi jaqsmu l-kompetenza u l-aħjar prassi dwar il-PPP . Fl-2012, ipprovdiet konsulenza u gwida dwar kwistjonijiet mifruxa mill-provvediment ta' aċċess għall-broadband għall-effiċjenza fl-enerġija f'binjiet pubbliċi u l-finanzjament ta' PPPs bil-bonds ta' proġetti.

Waħda mir-rakkomandazzjonijiet ewlenin ippreżentata f'rapport ippubblikat fl-2012 miċ-Ċentru tal-Politika Ewropea, grupp ta' riflessjoni bbażat fi Brussell, u mħejji b'input mill-BEI u partijiet interessati oħrajn, kienet li għandhom jingħataw aktar appoġġ u konsulenza prattika lill-awtoritajiet pubbliċi fl-iżvilupp, it-tfassil u l-preżentazzjoni ta' soluzzjonijet PPP. Ir-rapport enfasizza wkoll il-ħtieġa sabiex dawk li jfasslu l-politika fl-UE għandhom ikunu mexxejja jekk l-inizjattiva tal-bonds ta' proġetti ser issir part sostanzjali mit-taħlita finanzjarja għall-ħtiġijiet infrastrutturali tal-Ewropa. Jeħtieġ li jingħelbu għadd ta' ostakli jekk l-Ewropa trid timmassimizza l-użu tal-investiment pubbliku u privat, ikompli jargumenta r-rapport.

# Stimolu
# għall-irkupru ekonomiku



Permezz tat-tislif tiegħu lis-settur tal-enerġija tal-Ewropa, il-BEI jappoġġja l-iżvilupp ta' sistema tal-enerġija sostenibbli, kompetittiva u affidabbli li tissodisfa l-bżonnijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tas-soċjetà. Fl-2012, il-BEI ta EUR 4.5 biljun għal proġetti tal-enerġija fl-UE.

Il-BEI għandu rwol importanti fil-finanzjament tal-infrastruttura tal-enerġija u huwa wieħed mill-akbar fornituri ta' finanzjament għall-investiment fi grids tat-trażmissjoni tal-elettriku fl-Ewropa. L-oqsma tal-punti fokali għall-finanzjament tal-BEI huma l-kollegamenti tal-enerġija, il-grids intelliġenti u l-produzzjoni ta' enerġija sostenibbli.

## L-affidabbiltà tal-provvisti tal-Ewropa

L-investiment fi grids biex jiġġeddu jew issir żieda mas-sistemi eżistenti tal-provvista tal-enerġija jsaħħaħ is-suq intern. L-appoġġ għal grids intelliġenti u ħażna mtejba tal-enerġija wkoll jgħin biex jittejjeb l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-finanzjament b'appoġġ għan-netwerks tad-distribuzzjoni tal-enerġija, inklużi l-grids tal-elettriku u l-infrastruttura tat-trasport ta' gass naturali, ammonta għal aktar minn EUR 3.7 biljun is-sena li għaddiet.





**L-akbar impjant fid-dinja għall-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta Brittanika qed jipprovdi l-enerġija għal 320 000 dar. Il-BEI għamel kontribuzzjoni għall-kollegament tat-trażmissjoni offshore ta' Walney bħala parti mill-appoġġ tiegħu biex iqabbad l-enerġija rinovabbli mal-grid.**

## Il-promozzjoni tal-bidla għal enerġija sostenibbli

L-enerġija rinovabbli ħadet il-biċċa l-kbira tat-tislif għall-ġenerazzjoni tal-enerġija. Fl-2012, l-appoġġ tal-Bank għas-sorsi rinovabbli tal-enerġija ammonta għal aktar minn EUR 2 biljun, filwaqt li inqas minn EUR 0.4 biljun għenu biex jiffinanzja l-ġenerazzjoni tal-gass, u ma ġie ffirmat ebda proġett għall-ġenerazzjoni tal-enerġija mill-faħam jew miż-żejt.

Il-BEI naqqas it-tislif tiegħu għas- settur tal-produzzjoni tal-idrokarbonju li sa mill-2005 rrappreżenta anqas minn 1% tas-self tal-BEI fis-settur tal-enerġija. Fis-settur tar-raffineriji, il-finanzjament tal-Bank jikkonċentra fuq proġetti tal-effiċjenza u l-konverżjoni tal-enerġija, eskluża l-espansjoni tal-kapaċità kollha. B'mod simili, il-finanzjament jingħata biss lill-impjanti tal-enerġija tal-faħam/faħam art-ab kannella bil-kundizzjoni li jissostitwixxu impjanti eżistenti, jużaw l-aħjar teknoloġija disponibbli, huma lesti għall-ġbir tal-karbonju u jirriżultaw fi tnaqqis ta' mill-inqas 20% fl-intensità tal-karbonju tal-ġenerazzjoni tal-enerġija.

## Il-ġabra ta' opinjonijiet dwar it-tislif tal-BEI fis-settur tal-enerġija

Il-BEI nieda konsultazzjoni pubblika dwar il-politika tiegħu tat-tislif tal-enerġija f'Ottubru 2012. Il-partijiet interessati, esperti mis-settur tal-enerġija u l-pubbliku inġenerali ġew mistiedna jagħmlu kontribut, inkluż f'laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika fi Brussell f'Diċembru. Il-BEI jibbaża l-politika tat-tislif tiegħu fuq l-objettivi tal-politika tal-UE u għandu fil-mira li jintlaħaq bilanċ bejn l-affidabbiltà tal-provvista, il-kompetittività u l-azzjoni għall-klima. Il-Bank huwa mistenni li jadotta politika riveduta tat-tislif tal-enerġija fl-2013.



**Il-kollegament tal-elettriku tal-Irlanda mal-Gran Brittanja ġie inawgurat fl-2012. L-Interkonnettur Lvant-Punent jimmarka l-ewwel tnedija b'suċċess ta' proġett tal-enerġija ta' pjan ta' rkupru tal-UE appoġġjat mill-BEI.**

# Appoġġ
# għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju

L-SMEs huma s-sinsla tal-ekonomija Ewropea, u dawn jagħtu kontributi ewlenin għax-xogħol, l-iżvilupp ekonomiku u l-koeżjoni soċjali fl-UE. Fl-2012, il-Grupp tal-BEI pprovda aktar minn EUR 13-il biljun ta' finanzjament għal SMEs u kumpaniji mid-cap fl-UE.

Il-Grupp tal-BEI għandu prijorità li jgħin itejjeb l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs. L-SMEs jirrappreżentaw 99% tan-negozji u jipprovdu żewġ terzi tal-impjiegi fis-settur privat fl-Ewropa. Ħafna minnhom affrontaw diffikultajiet biex jassiguraw finanzjament b'termini aċċettabbli. Il-Grupp tal-BEI jaħdem ma' firxa wiesgħa ta' intermedjarji finanzjarji, bħal banek imsieħba lokali, fondi, kumpaniji tal-kiri u istituzzjonijiet tal-mikrofinanza biex il-finanzjament ikun disponibbli għall-SMEs.

## Il-BEI jagħti aċċess għall-finanzi għall-SMEs

Fl-2012, il-BEI ffirma EUR 10.5 biljun f'self għal SMEs permezz ta' intermedjarji fl-UE. Dawn isellfu l-fondi lill-SMEs, filwaqt li jżidu ammont ekwivalenti mill-fondi tagħhom stess.

Fi snin riċenti, il-BEI ħadem biex itejjeb l-aċċess tal-SMEs għal kreditu billi żied il-flessibbiltà, issimplifika l-proċeduri u talab aktar trasparenza mill-banek imsieħba. Il-BEI qed jiżviluppa wkoll strutturi ġodda biex jipprovdi finanzjament addizzjonali għal SMEs f'pajjiżi li qed jaffrontaw għafsa partikolari tal-likwidità, bħall-Greċja. Hawnhekk, twaqqaf fond ta' garanzija apposta għall-SMEs u beda jitħaddem fl-2012 bħala parti mill-isforzi speċjali tal-Bank biex jappoġġja l-pajjiż.

## Estensjoni għall-intrapriżi mid-cap

Fl-2012, wara perjodu ta' prova ta' sentejn, il-BEI għamel disponibbli l-formula tiegħu ta' self intermedjat għal intrapriżi mid-cap, jiġifieri, kumpaniji li għandhom aktar minn 250 impjegat, iżda inqas minn 3 000. Diġà ġew iffirmati madwar EUR 1.8 biljun f'tali self mid-cap fl-UE.




**Minn apparat tal-isports u bagels għal materjal tal-plumbing u kontenituri tal-iskart għall-muniċipalitajiet, in-negozji ż-żgħar huma essenzjali għall-ħarsien u l-ħolqien ta' impjiegi fl-Ewropa. Fl-2012, il-Grupp tal-BEI appoġġja madwar 200 000 SME u mid-caps.**







## Appoġġ immirat tal-FEI għall-SMEs

Il-FEI jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament għal intrapriżi Ewropej ta' daqs mikro, żgħir u medju billi jieħu r-riskju tal-SMEs. Jappoġġja n-negozji mill-istadji bikrija sal-iżvilupp permezz ta' prodotti mmirati li jinkludu ekwità, garanziji u l-mikrofinanza. Wieħed mill-objettivi tal-FEI huwa li jikkatalizza finanzjament addizzjonali minn atturi oħrajn fis-suq bħala spinta għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni. Fl-2012, immobilizza total ta' EUR 12.3 biljun billi impenja EUR 2.6 biljun f'finanzjament.

Fl-2012, il-FEI pprovda EUR 1.4 biljun f'finanzjament ta' riskju għal fondi ta' kapital ta' riskju u tkabbir, u għaldaqstant tejjeb il-kapaċità tagħhom biex jinvestu f'SMEs. Dan jinkludi ħidma ma' kontropartijiet ġodda taħt il-European Angels Fund, kif ukoll it-twaqqif ta' Fond-ta'-Fondi ġdid u t-tħejjija għal impenn ma' investituri korporattivi.

Ingħataw impenji b'total ta' EUR 500 miljun f'garanziji u EUR 500 miljun oħra f'titjib ta' kreditu. Il-FEI jiggarantixxi lill-intermedjarji finanzjarji li jiffaċilitaw il-provvediment ta' self u kirjiet lill-SMEs billi juża strumenti għall-qsim tar-riskju taħt iż-żewġ inizjattivi tal-UE — il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) u l-Inizjattiva għal Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji (JEREMIE).

Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress, iffinanzjata b'mod konġunt mill-BEI u l-Kummissjoni Ewropea u ġestita mill-FEI, tgħin lill-mikrointrapriżi u individwi oħrajn li ta' sikwit isibuha aktar diffiċli biex jaċċessaw is-sistema bankarja tradizzjonali. Billi disa' minn għaxar SME huma intrapriżi mikro b'anqas minn għaxar impjegati, dan il-mekkaniżmu jappoġġja lil dawk li jaħdmu għal rashom u lil dawk il-persuni li m'għadhomx aktar qiegħda. Fl-2012, il-FEI ġabar impenji ġenerali taħt dan il-programm għal aktar minn EUR 100 miljun, u għaldaqstant stabbilixxa lilu nnifsu bħala l-fornitur tal-mikrofinanza l-aktar importanti fl-UE. Kompla jipprovdi wkoll assistenza teknika u appoġġ finanzjarju permezz tal-programm ta' assistenza teknika Azzjoni Konġunta fis-Sostenn ta' Istituzzjonijiet tal-Mikfrofinanzjament fl-Ewropa (JASMINE).

Is-sħubija mal-Istati Membri u istituzzjonijiet nazzjonali ta' finanzjament promozzjonali tifforma parti ċentrali mill-punt fokali tal-FEI għall-iżvilupp strateġiku u n-negozju reġjonali. Fl-2012, il-FEI nieda erba' inizjattivi ġodda li ammontaw għal EUR 420 miljun f'kapaċità ta' investiment.

L-inizjattiva JEREMIE tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku f'reġjuni Ewropej magħżula fejn l-SMEs għandhom diffikultajiet partikolari biex jiksbu aċċess għall-finanzjament. L-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali jistgħu jużaw JEREMIE biex iċaqalqu flejjes magħmula disponibbli mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali. Fl-2012, il-FEI amministra 14-il fond ta' parteċipazzjoni f'għaxar pajjiżi Ewropej, b'aktar minn EUR 1.25 biljun ġestiti.



**Sew jekk huma prodotti bijoteknoloġiċi, tat-teknoloġija bil-laser jew magħmula bl-idejn, il-FEI jgħin lin-negozji ż-żgħar u l-mikrointrapriżi biex jikbru. Fl-2012, ta spinta lill-intraprenditorija u l-innovazzjoni billi mmobilizza total ta' EUR 12.3 biljun billi impenja EUR 2.6 biljun.**






# Appoġġ għall-koeżjoni ekonomika u soċjali

It-tislif għar-reġjuni aktar dgħajfin ekonomikament jgħin biex isaħħaħ l-istruttura soċjali u ekonomika tal-Unjoni. Il-Bank jikkontribwixxi biex jimmassimizza l-użu tal-finanzjament pubbliku biex jiċċekknu n-nuqqasijiet fi żminijiet ta' awsterità. Fl-2012, il-BEI silef aktar minn EUR 15-il biljun biex jappoġġja proġetti li jgħinu biex jagħtu spinta lit-tkabbir fir-reġjuni ekonomikament inqas avvanzati tal-UE.






**Il-BEI impenja tal-anqas EUR 20 biljun għal Pjan ta' Azzjoni Konġunta ta' EUR 30 biljun biex jappoġġja l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk. F'dan ir-rigward, il-Bank b'mod speċjali għandu fil-mira tiegħu n-negozji ż-żgħar, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u proġetti ta' konverġenza.**

Il-kriżi ekonomika laqtet partikolarment ħażin lir-reġjuni aktar dgħajfin tal-UE, u dan wassal għal diverġenza dejjem akbar. Il-BEI qed jieħu azzjoni mmirata biex jgħinhom imorru lura għal mogħdija ta' tkabbir sostenibbli. Din il-prijorità tirrappreżenta kważi terz tat-tislif tal-BEI fl-UE. Il-punt fokali ewlieni qiegħed fuq il-finanzjament tal-infrastruttura bażika meħtieġa biex tattira n-negozju u toħloq l-impjiegi. Dan primarjament ifisser proġetti biex jittejjeb l-ambjent urban u biex jaċċellera l-integrazzjoni ta' reġjuni mbiegħda bil-bini ta' netwerks trans-Ewropej, billi tingħata assistenza lill-SMEs u jitrawmu l-innovazzjoni u l-ħiliet.

## Tingħata spinta lir-reġjuni ekonomikament aktar dgħajfa

Il-politika reġjonali hija l-espressjoni tas-solidarjetà tal-UE mar-reġjuni inqas vantaġġjati tagħha. Għandha fil-mira li tnaqqas id-diskrepanzi ekonomiċi, soċjali u territorjali importanti li jeżistu bejn ir-reġjuni varji tal-Ewropa. Il-prijoritajiet u r-reġjuni benefiċjarji huma definiti mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni għandha kważi EUR 350 biljun disponibbli taħt il-fond strutturali u l-fond ta' koeżjoni, il-biċċa l-kbira fil-forma ta' sussidji, għall-implimentazzjoni tal-politika reġjonali bejn l-2007 u l-2013. Il-flus huma mmirati għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, pereżempju




Il-passiġġieri f'Varsavja jgawdu l-kumdità u l-effiċjenza tal-ferroviji l-ġodda mixtrija bl-appoġġ tal-BEI. Il-Bank qed jappoġġja aġġornament tal-vetturi ferrovjarji u l-infrastruttura relatata.

billi jittejbu l-kollegamenti tat-trasport lejn reġjuni remoti, tingħata spinta lill-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs) f'żoni żvantaġġjati, bl-investiment f'ambjent aktar nadif u billi jittejbu l-edukazzjoni u l-ħiliet.

Bħala l-bank tal-Unjoni Ewropea, is-self tal-BEU jikkumplimenta l-finanzjament tal-investiment mill-Kummissjoni fir-reġjuni. M'hemmx reġjun wieħed fl-UE li ma bbenefikax mis-self tal-BEI.

## Prodotti magħmula apposta biex jintużaw il-fondi strutturali

Self ta' qafas jiffinanzja programmi ta' investiment b'ħafna skemi, f'settur wieħed jew f'bosta setturi, ġeneralment implimentati minn entità tas-settur pubbliku, sew jekk nazzjonali, reġjonali jew lokali, u implimentati matul għadd ta' snin. Is-self ta' qafas jintuża l-aktar għal investimenti fl-infrastruttura fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli u effiċjenza fl-enerġija, it-trasport jew it-tiġdid urban. Fl-2012, is-self ta' qafas tal-BEI b'total ta' EUR 3.7 biljun għen biex jappoġġja investimenti importanti madwar l-UE.

Il-fondi strutturali tal-Ewropa għandhom il–mira li jnaqqsu d-diskrepanzi reġjonali fid-dħul, rikkezza u opportunità iżda jingħataw biss jekk l-ewwel nett l-awtoritajiet lokali jistgħu jimpenjaw flushom stess. Fi żminijiet ta' awsterità, deher li kien diffiċli għal xi awtoritajiet pubbliċi biex jiffinanzjaw il-kontribuzzjoni tagħhom, u dan waqqaf l-investimenti li setgħu jtejbu t-tkabbir.

Tip speċjali ta' self ta' qafas, is-self tal-programm strutturali, sar strument importanti matul il-kriżi. Is-self tal-programmi strutturali tal-BEU jgħin biex jitnaqqas dan id-distakk billi jiffinanzja parti mill-kontribuzzjoni nazzjonali għal investiment f'firxa wiesgħa ta' proġetti prijoritarji li huma appoġġjati b'sussidji mill-fondi strutturali tal-UE. Il-finanzjament bil-quddiem ta' dawn il-kontribuzzjonijiet għandu rwol ewlieni biex jistabbilizza l-flussi tal-investiment u għaldaqstant jassigura t-tkabbir u l-impjiegi. B'dan il-mod, il-Bank jgħin ukoll lil dawn ir-reġjuni biex jibbenefikaw mill-fondi disponibbli tal-UE. Fl-2012, is-self tal-programmi strutturali ammonta għal madwar EUR 2.1 biljun, u minħabba dan setgħu jibdew investimenti ewlenin f'pajjiżi bħal Ċipru, il-Portugall, l-Ungerija u s-Slovenja.







**Self lill-pajjiżi li ntlaqtu b'mod partikolarment kiefer mill-kriżi għen biex jiġi żgurat investiment kontinwu tas-settur pubbliku.**





## Adattament għal ċirkustanzi eċċezzjonali

Self lill-pajjiżi li ntlaqtu b'mod partikolarment kiefer mill-kriżi għen biex jiġi żgurat investiment kontinwu tas-settur pubbliku. F'dan ir-rigward, il-BEI għandu rwol importanti biex itejjeb l-aċċess għall-finanzjament, billi jnaqqas in-nuqqasijiet tal-likwidità u joffri konsulenza b'appoġġ għar-riformi strutturali.

Fil-Greċja, l-infiq totali tas-self — li huwa finanzjament ipprovdut mill-ekonomija reali — ammonta għal aktar minn EUR 900 miljun fl-2012. Fil-Greċja, il-BEI jiffoka fuq l-infrastruttura ekonomika u soċjali u negozji aktar żgħar. Fl-2012, ġew impenjati EUR 705 miljun għal proġetti tal-enerġija u l-edukazzjoni, kif ukoll għall-SMEs. Twaqqaf fond ta' garanzija apposta għall-SMEs u beda jitħaddem fl-2012 bħala parti mill-isforzi speċjali tal-Bank biex jiftaħ il-finanzjament u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji żgħar lokali. Il-Fond huwa inizjattiva konġunta tal-Greċja, il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI. Il-Fond ġie stabbilit milli ntużaw EUR 500 miljun mill-Fondi Strutturali mhux assorbiti għall-pajjiż, u se jiggarantixxi self tal-BEI għall-SMEs permezz ta' banek imsieħba għal total ta' EUR 1 biljun. In-negozji ż-żgħar huma wkoll muturi ewlenin għall-esportazzjoni tal-Greċja. Sabiex jappoġġja rkupru ekonomiku mmexxi mill-esportazzjoni, il-BEI waqqaf prodotti ġodda għall-finanzjament tal-kummerċ għall-SMEs b'valur ta' EUR 500 miljun.

Fil-Portugall, il-kontribuzzjoni finanzjarja estiża fl-2012 kienet għal total ta' madwar EUR 740 miljun u l-BEI ffirma self li jiswa aktar minn EUR 870 miljun u uża tekniki innovattivi biex jiftaħ investiment addizzjonali nazzjonali u tal-UE. Ippreżenta wkoll sforzi eċċezzjonali billi ta bidu għal garanzija tal-istat tal-portafoll sa EUR 2.8 biljun, li twitti t-triq għal EUR 1 biljun addizzjonali għal attivitajiet ġodda fil-ġejjieni.

Fl-Irlanda, il-finanzjament totali mogħti fl-2012 ammonta għal aktar minn EUR 530 miljun f'self mogħti. Il-Bank ta appoġġ partikolari lill-enerġija rinnovabbli u l-infrastruttura tal-ilma, kif ukoll għal proġetti tal-edukazzjoni u negozji aktar żgħar. Is-self iffirmat ammonta għal total ta' aktar minn EUR 500 miljun.

## Pjan ta' Azzjoni Konġunta għat-Tkabbir fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk

Il-BEI għandu rwol ewlieni biex iwassal il-pjan ta' azzjoni tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali Konġunti, li għandu fil-mira t-tkabbir fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk b'risposta diretta għall-impatt kontinwu tat-tnaqqis ekonomiku fil-bqija tal-Ewropa. Fit-tnedija tiegħu fl-2012, il-Bank impenja minimu ta' EUR 20 biljun għall-Pjan ta' Azzjoni ta' EUR 30 biljun żviluppat mal-Grupp tal-Bank Dinji u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-IŻvilupp (BERŻ).

Dan l-appoġġ se jindirizza oqsma prijoritarji bħall-SMEs, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, l-innovazzjoni u l-konverġenza. Se jsiru sforzi partikolari biex jiġu mobilizzati għotjiet tal-UE, fondi ta' ingranaġġ privati u pubbliċi u tingħata konsulenza mmirata mill-BEI lill-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Kroazja, l-Estonja, il-Maċedonja, l-Ungerija, il-Kosovo, il-Latvja, il-Litwanja, Montenegro, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Serbja, is-Slovakkja u s-Slovenja, li lkoll ntlaqtu mill-kriżi serjament.



## Assistenza għar-reġjuni inqas avvanzati

Barra mill-finanzjament, il-BEI jipprovdi wkoll assistenza teknika biex jgħin lill-Istati Membri aktar ġodda jużaw il-fondi strutturali u ta' koeżjoni b'mod effiċjenti. Flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, il-BEI żviluppa bosta strumenti li jagħqdu l-finanzjament tal-BEI mar-riżorsi baġitarji tal-UE.

Eżempju wieħed hija JASPERS, l-inizjattiva għal Assistenza Konġunta fis-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej. Din hija amministrata mill-BEI u sponsorjata b'mod konġunt mill-Kummissjoni Ewropea, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-bank promozzjonali Ġermaniż KfW Bankengruppe. Din tipprovdi assistenza teknika lill-pajjiżi benefiċjarji tal-fondi strutturali tal-UE biex tgħinhom itejbu l-kwalità tal-proġetti ewlenin li jkunu se jiġu sottomessi għal finanzjament minn għotjiet taħt il-fondi strutturali u ta' koeżjoni tal-UE. Sa mill-bidu tagħha fl-2006, ġie approvat total ta' 226 proġett appoġġjat minn JASPERS fi 12-il pajjiż, li jirrappreżentaw kważi EUR 39 biljun ta' investimenti — li minnhom aktar minn EUR 10 biljun fl-2012 biss.

## Trawwim ta' kooperazzjoni reġjonali transkonfinali

Il-problemi f'xi reġjuni jistgħu jiġu solvuti l-aħjar permezz ta' kooperazzjoni ma' reġjuni oħrajn fil-viċin. Dan hu dak li l-Kummissjoni Ewropea ssejjaħ kooperazzjoni territorjali Ewropea. Il-kooperazzjoni mill-qrib dwar kwistjonijiet ta' interess komuni hija mħeġġa mill-fondi strutturali tal-UE. Il-BEI jappoġġja wkoll inizjattivi reġjonali li jagħqdu l-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi msieħba.





**JASPERS – Konsulenza dwar proġetti infrastrutturali għall-membri l-ġodda tal-UE**
Assistenza Konġunta fis-Sostenn ta' Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (BEI, Kummissjoni Ewropea, Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u KfW Bankengruppe)

**JESSICA – Appoġġ għall-żvilupp urban**
Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni Urbani (BEI, Kummissjoni Ewropea u Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa)

**JEREMIE – Finanzjament flessibbli għall-SMEs**
Inizjattiva għal Riżorsi Konġunti Ewropej għall-Intrapriżi Mikro sa Medji (FEI u Kummissjoni Ewropea)

**JASMINE – Konsulenza mfassla apposta għal istituzzjonijiet tal-mikrofinanzjament**
Azzjoni Konġunta fis-Sostenn ta' Istituzzjonijiet tal-Mikfrofinanzjament fl-Ewropa (FEI u Kummissjoni Ewropea)



Fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku, il-BEI jappoġġja proġetti fid-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, ħames stati federali — Bundesländer — fil-Ġermanja (Berlin, Brandenburg, Ħamburg, Mecklenburg-Vorpommern u Schleswig-Holstein), il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, l-Isvezja, l-Iżlanda, in-Norveġja u r-Russja. Il-punt fokali huwa li r-reġjun isir sostenibbli ambjentalment, kompetittiv, aċċessibbli u jippromwovi l-prevenzjoni tar-riskji. Fl-2012, il-BEI appoġġja din l-inizjattiva b'madwar 64 attività li jinkludu tislif totali ta' EUR 7.7 biljun f'self fir-Reġjun tal-Baħar Baltiku.

L-istrateġija tar-Reġjun tad-Danubju tinvolvi investiment b'appoġġ għal objettivi komuni fl-Awstrija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja (Baden-Württemberg u l-Bavarja), l-Ungerija, ir-Rumanija, is-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka u l-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kroazja, Montenegro, is-Serbja, flimkien mal-Moldova u l-Ukraina. Fl-2012, il-Bank appoġġja madwar 83 attività b'total ta' EUR 7.5 biljun fir-Reġjun tad-Danubju.



# Il-ħarsien **tal-ambjent** – il-finanzjament tal-azzjoni għall-klima

Il-Bank huwa fost l-akbar fornituri ta' finanzjament għall-azzjoni għall-klima. Fl-2012 biss, huwa pprovda aktar minn Eur 13-il biljun. Il-BEI jappoġġja l-għan tal-UE għal tkabbir b'użu baxx tal-karbonju u reżiljenti għall-klima kemm ġewwa u barra l-Unjoni. Bħala mexxej finanzjarju fl-appoġġ ta' teknoloġiji ndaf innovattivi, il-BEI huwa impenjat li jaġixxi bħala katalista għall-investiment.







Il-BEI jappoġġja bis-sħiħ l-għan tal-UE li l-ekonomija Ewropea ssir ħafna aktar favur il-klima sal-2050 billi jmur lil hinn mill-miri għall-2020 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'20%, fejn 20% tal-enerġija tkun minn sorsi rinnovabbli u l-użu tal-enerġija jitnaqqas b'20%. Waħda mill-isfidi globali l-aktar kritiċi ta' żminijietna hija li nibnu ekonomija b'użu baxx tal-karbonju.

Il-ħolqien ta' soċjetà b'użu baxx tal-karbonju se jiġġenera teknoloġiji rivouzzjonarji u impjiegi ġodda ekoloġiċi. Sal-2020 jistgħu jinħolqu sa 1.5 miljun impjieg addizzjonali, skont il-Kummissjoni Ewropea. Ikun hemm benefiċċji oħrajn ukoll: it-tnaqqis tad-dipendenza tal-Ewropa fuq enerġija importata, ir-roħs tal-kontijiet tal-enerġija, it-tnaqqis tat-tniġġis fl-arja u ż-żieda tal-mobilità. Din il-bidla għal ekonomija aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u aktar intelliġenti hija vitali biex l-Ewropa tibqa' kompetittiva.

Il-bidla fil-klima teħtieġ ukoll li s-soċjetajiet tagħna jadattaw. Għaldaqstant, il-konsulenza u l-finanzjament tal-BEI għal proġetti li jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-klima huma importanti għas-sostenibbiltà ta' proġetti fuq żmien fit-tul.

L-appoġġ finanzjarju tal-BEI għal azzjoni għall-klima innovattiva huwa mmirat direttament permezz tat-tislif lis-setturi għall-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, it-trasport sostenibbli, l-ilma, il-ġestjoni tal-għargħar u l-forestrija. Il-kunsidrazzjonijiet dwar il-klima jiġu meqjusa fl-attivitajiet tiegħu kollha, pereżempju billi jagħmel użu mill-aħjar teknoloġija disponibbli. Ġew żviluppati wkoll strumenti finanzjarji innovattivi li jistgħu jsostnu riskju finanzjarju ogħla, ta' sikwit b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea iżda wkoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Eżempju tajjeb ta' dan hija l-inizjattiva Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd li tnediet man-Nazzjonijiet Uniti fl-2012.

## It-tnaqqis tal-footprint ambjentali tagħna

Sa mill-2009, il-Bank kien involut f'inizjattiva pilota fuq tliet snin biex titkejjel il-footprint tal-karbonju tal-proġetti tal-BEI fis-setturi kollha, sabiex isegwi aħjar il-prestazzjoni tiegħu f'termini ta' emissjonijiet u ffrankar. Fl-2012, il-Bank iffinalizza din il-ħidma pilota u analizza sena oħra ta' dejta tal-emissjonijiet: ġew inklużi 71 proġett, li jirrappreżentaw investiment totali ta' EUR 55 biljun, li minnhom 21% kienu ffinanzjati mill-BEI. Dawn l-investimenti tal-BEI huma mistennija li jarmu l-ekwivalenti ta' madwar 7.5 miljun tunnellata ta' $CO_2$ fis-sena. L-iffrankar globali tal-emissjonijiet minn dawn l-investimenti tal-BEI huwa stmat li jkun ta' ta' 2.1 miljun tunnellata ta' $CO_2$ fis-sena.

## Jitħaddmu l-finanzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

Il-finanzjament tal-BEI għall–enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija jikkontribwixxi direttament għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. L-appoġġ għal dawn l-objettivi ammonta għal EUR 4.4 biljun fl-2012.

Il-BEI huwa l-ewwel finanzjatur fl-enerġija mir-riħ fl-UE. Fl-aħħar snin, żied b'mod partikolari l-finanzjament tiegħu ta' impjanti fuq l-art u offshore għall-enerġija mir-riħ. Fl-2012 waħedha, il-BEI ffinanzja għaxar attivitajiet ta' impjanti għall-enerġija mir-riħ b'self ta' EUR 1.4 biljun. Dawn il-proġetti huma mid-definizzjoni tagħhom stess investimenti kbar, fuq żmien fit-tul u teknikament diffiċli ħafna. Il-BEI huwa għaldaqstant is-sieħeb naturali għal dan is-settur, kemm f'termini ta' finanzjament iżda wkoll għall-kompetenza esperta teknika. Għal raġunijiet simili, il-Bank jiffinanzja proġetti tal-enerġija mix-xemx, kemm enerġija mix-xemx konċentrata (CSP) u fotovoltajka (PV). Fl-2012, ġew iffirmati disa' attivitajiet ta' enerġija mix-xemx, li ammontaw għal total ta' self li jiswa EUR 425 miljun. Ma' kull proġett, it-teknoloġija qed issir dejjem aktar effiċjenti u innovattiva.

Il-kunsidrazzjonijiet għall-effiċjenza fl-enerġija huma meqjusa fil-proġetti kollha tal-Bank. Huwa mistenni li jkun hemm qligħ ulterjuri mill-investimenti fil-mira għall-effiċjenza fl-enerġija. Il-finanzjament tal-BEI għal tali proġetti jkopri kemm in-naħa tal-provvista, bħal sħana u enerġija kkombinati u tisħin distrettwali, kif ukoll in-naħa tad-domanda, primarjament l-insulazzjoni ta' bini pubbliku u privat.

## Inżidu r-reżiljenza tal-klima

L-adattament bikri għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima huwa aktar effettiv u jiswa inqas minn azzjoni ta' emerġenza tal-aħħar minuta. Magħrufa bħala r-reżiljenza tal-klima, dawn il-kunsidrazzjonijiet jiġu meqjusa fil-proġetti kollha tal-BEI. Proġetti speċifiċi li jgħinu biex iżidu r-reżiljenza tal-klima u jadattaw għall-bidla fil-kundizzjonijiet tat-temp ammontaw għal total ta' kważi EUR 1 biljun fl-2012.

Ħafna mill-attivitajiet tal-Bank relatati mal-forestrija huma miżuri adattivi. Pereżempju, l-imsaġar jistgħu jgħinu biex jimpedixxu t-tagħwir tal-ħamrija u jnaqqsu r-riskju tal-għargħar, biex ma nsemmux il-benefiċċji għall-bijodiversità, il-fertilità tal-ħamrija u l-ġestjoni tal-punt fejn ix-xmajjar jibdlu d-direzzjoni. Barra dan, jistgħu jaġixxu bħala hekk imsejħa mħażen tal-karbonju li jirregolaw il-klima globali. Naġixxu fil-biċċa l-kbira fl-UE, iżda wkoll f'ekonomiji li qed jiżviluppaw, u naħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni EWropea u istituzzjonijiet internazzjonali ta' finanzjament.

Il-frekwenza dejjem akbar ta' kundizzjonijiet ta' temp estrem għandha impatti serji fuq id-disponibbiltà u l-kwalità tar-riżorsi ta' ilma frisk, li twassal għal diżastri naturali relatati mal-ilma bħal nixfiet u għargħar. Il-BEI huwa l-akbar sors ta finanzjament ta' self għas-settur globali tal-ilma. Minbarra l-adattament għall-bidla fil-klima, il-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma hija għan importanti ieħor. Pereżempju, fl-Afrika t'Isfel, il-BEI appoġġja s-sistema tal-ilma fil-belt ta' Durban u fiż-żona tal-Kosta tat-Tramuntana bi tliet selfiet biex jgħin jiffinanzja l-kostruzzjoni ta' diga u sistema ta' trasport u distribuzzjoni tal-ilma biex jissodisfa l-bżonnijiet tal-ilma ta' 5.5 miljun persuna fir-reġjun sal-2025.





**L-appoġġ finanzjarju tal-BEI għal azzjoni għall-klima innovattiva huwa mmirat direttament permezz tat-tislif lis-setturi għall-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza fl-enerġija, it-trasport sostenibbli, l-ilma, il-ġestjoni tal-għargħar u l-forestrija.**









## Fondi u inizjattivi speċjalizzati

Il-BEI għandu responsabbiltà speċjali biex jgħin jiffinanzja proġetti relatati mal-klima fi żmien ta' awsterità baġitarja. Bħala katalista għall-investiment fil-klima, il-Bank qed jaħdem mas-setturi pubbliċi u privati fuq għadd ta' inizjattivi biex jimmobilizza l-finanzjament. Huwa żviluppa wkoll fondi tal-ekwità u tal-karbonju, biex jappoġġja aktar l-enerġija rinnovabbli u proġetti b'użu effiċjenti tal-enerġija. Jaħdem upstream ma' promoturi ta' proġetti, fejn jipprovdi assistenza teknika għall-iżvilupp ta' proġetti. Fl-istess ħin, qed jimmaniġġja u jipparteċipa f'bosta inizjattivi oħrajn relatati mal-enerġija u l-bidla fil-klima:

- Il-Fond Ewropew 2020 għall-Enerġija, il-Bidla fil-Klima u l-Infrastruttura (Fond Marguerite) huwa mfassal biex jistimula investiment fl-infrastruttura biex jimplimenta politiki tal-UE rdwar il-bidla fil-klima, l-affidabbiltà tal-enerġija u n-netwerks trans-Ewropej.
- Il-Fond Ekoloġiku għat-Tkabbir jipprovdi finanzjament, inkluż self, ekwità u assistenza teknika, għal proġetti tal-effiċjenza fl-enerġija u rinnovabbli fl-Ewropa tax-Xlokk.
- L-Enerġija Sostenibbli għal Kulħadd (SE4All) għandu l-mira li jipprovdi aċċess universali għal servizzi moderni tal-enerġija u li jirdoppja kemm ir-rata globali tat-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija kif ukoll is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija globali sal-2030.
- NER300 huwa l-akbar programm ta' finanzjament fid-dinja għal proġetti ta' dimostrazzjoni għall-ġbid u l-ħżin tal-karbonju u teknoloġiji innovattivi ta' enerġija rinnovabbli.
- Il-Fond tal-Klima Althelia huwa proposta rivoluzzjonarja ppreżentata fl-2012 biex tappoġġja l-użu sostenibbli tal-art u l-konservazzjoni ta' foresta primarja.
- Il-Bonds għal Kuxjenza dwar il-Klima tal-BEI jiġbru fondi biex jappoġġjaw it-tislif għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija. Sa mill-2007, il-BEI ħareġ EUR 1.7 biljun permezz ta' Bonds għal Kuxjenza dwar il-Klima. Fl-2012 waħedha, dawn il-bonds ġabru l-ekwivalenti ta' EUR 350 miljun.

# Ngħinu l-ibliet
# isiru aktar ekoloġiċi



Bħala parti mill-isforzi tiegħu biex jifforma bliet sostenibbli, il-BEI appoġġja l-linja tat-tramm f'Montpellier, li fl-2012 espandiet minn żewġ linji għal erbgħa.

Fil-qalba tal-attivitajiet tal-BEI fiż-żoni urbani hemm il-mira li l-ibliet isiru aktar ekoloġiċi u sostenibbli. Trasport pubbliku li huwa tajjeb għall-ambjent huwa vitali għal bliet sostenibbli. Fl-2012, it-tislif tal-BEI għal bliet sostenibbli ammonta għal EUR 8 biljun.

Iż-żoni urbani jospitaw 75% tal-Ewropej u jiġġeneraw madwar 85% tal-PGD tal-UE. Iż-żoni metropolitani huma ċentri tal-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku u qegħdin fejn il-biċċa l-kbira tal-impjiegi, in-negozji u l-faċilitajiet għall-edukazzjoni ogħla jinsabu kkonċentrati. Iżda jospitaw ukoll il-problemi ewlenin għall-koeżjoni soċjali u s-sostenibbiltà ambjentali. L-ibliet tal-Ewropa jipproduċu 80% tal-użu tagħna tal-enerġija, u 80% tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Dan ifisser li l-ibliet jistgħu jkunun meħtieġa jipprovdu tweġibiet għal xi wħud mill-isfidi ewlenin tal-lum, bħat-tniġġis, l-emissjonijiet u l-assigurazzjoni li l-infrastruttura tlaħħaq mal-iżvilupp urban.

## Lejn ibliet sostenibbli

It-tislif tal-BEI fl-ibliet jiffoka fuq it-tiġdid urban u proġetti ta' riġenerazzjoni li jgħinu biex jiffurmaw komunitajiet sostenibbli billi jtejbu ż-żoni bl-aktar privazzjoni. Il-Bank għandu l-mira li jtejjeb l-użu ta' assi ta' art skarsa, biex jappoġġja investiment muniċipali fl-aġġornamenti ta' faċilitajiet pubbliċi, u biex iħares il-wirt kulturali. Fl-2012, madwar EUR 2.4 biljun marru għall-iżvilupp urban u r-riġenerazzjoni, u proġetti tal-kura tas-saħħa.

**L-Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA)** hija inizjattiva konġunta tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea li tgħin lill-awtoritajiet lokali u reġjonali biex iħejju proġetti dwar l-effiċjenza fl-enerġija u





Matul dawn l-ahhar ħames snin il-BEI għen bil-finanzjament ta':

- **32** metro
- **4** proġetti ferrovjarjiurbani
- **48** linja tat-tramm
- **48** proġett ferrovjarju, u
- **27** proġett għal linji tal-ferrovija b'veloċità għolja.

Kuljum, madwar **25 miljun** persuna fl-UE jużaw mezz tat-trasport pubbliku ffinanzjat mill-BEI.

Pariġi hija l-ewwel belt fl-Ewropa li introduċiet infrastruttura komprensiva b'aċċess miftuħ għal vetturi elettriċi. Il-BEI qed isellef EUR 75 miljun biex jgħin lill-belt kapitali Franċiża ssir ekoloġika.

enerġija rinnovabbli biex ikunu aktar attraenti għall-finanzjament estern. ELENA tkopri parti mill-ispiża għall-appoġġ tekniku li hu meħtieġ biex jitħejja, jiġi implimentat u ffinanzjat il-programm ta' investiment. Fl-2012, l-impenji għal assistenza teknika lil benefiċjarji taħt ELENA ammontaw għal EUR 12-il miljun biex l-impenji totali ammontaw għal EUR 37 miljun.

## Appoġġ għal trasport sostenibbli

L-appoġġ tal-BEI għal trasport sostenibbli huwa mifrux mill-bini, l-estensjoni jew ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport pubbliku, għall-promozzjoni ta' netwerks għaċ-ċikliżmu u żoni pedonali, kif ukoll il-vetturi elettriċi. Il-BEI jippromwovi l-iżvilupp ta' vetturi aktar indaf u siguri billi jappoġġja r-riċerka u l-iżvilupp għal soluzzjonijiet li huma effiċjenti fl-enerġija u għandhom emissjonijiet baxxi. Il-proġetti li jappoġġja jgħinu biex itejbu l-kwalità tal-arja, inaqqsu t-tniġġis mill-istorbju, itejbu s-sigurtà, itejbu l-effiċjenza fl-enerġija u jillimitaw l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra.

### JESSICA għall-ibliet

L-Appoġġ Konġunt Ewropew għall-Investiment Sostenibbli fiż-Żoni Urbani (JESSICA) inizjattiva konġunta tal-Kummissjoni Ewropea, il-BEI u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa. Jassisti bl-allokazzjoni tal-fondi strutturali tal-UE u dawn ir-riżorsi jistgħu jintużaw għall-finanzjament ta' proġetti urbani li jiġġeneraw dħul permezz tal-hekk imsejħa Fondi għall-Iżvilupp Urban. Il-BEI joffri konsulenza dwar kif l-aħjar jintużaw ir-riżorsi u joffri appoġġ fil-ġestjoni ta' fondi. Sa tmiem l-2012, kienu ġew ikkummissjonati total ta' 75 studju ta' valutazzjoni ta' JESSICA u ġew iffirmati 18-il fond ta' parteċipazzjoni għal total ta' EUR 1.7 biljun li jkopru 54 reġjun. L-għadd ta' Fondi għall-Iżvilupp Urban żdied għal 37 sa tmiem l-2012, b'volum totali ta' madwar EUR 1.4 biljun.

# EIB in the ACP countries



Fl-2013 il-BEI qed jiċċelebra 50 sena ta' attivitajiet fl-Afrika tas-Sub-Saħara.

L-attivitajiet tal-BEI mad-dinja kollha jappoġġjaw l-għanijiet tal-politika barranija tal-UE. Permezz tal-proġetti li jiffinanzja, il-Bank jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-impjiegi lil hinn mill-fruntieri tal-Unjoni. Il-BEI, bħala l-bank tal-UE, huwa s-sieħeb naturali tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jiffinanzja proġetti li jappoġġjaw l-objettivi tal-politika tal-UE barra mill-Unjoni. Fl-2012, it-tislif tal-BEI mad-dinja kollha laħaq madwar EUR 7.4 biljun.




Tislif barra mill-UE skont ir-reġjun

- Pajjiżi tat-tkabbir
- Il-pajjiżi Mediterranji
- Il-Ġirien tal-Lvant
- Pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku
- L-Asja
- L-Amerika Latina



# Il-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli lil hinn mill-fruntieri tal-UE

Bosta mill-attivitajiet finanzjarji tal-Bank barra mill-Unjoni jsiru taħt garanzija baġitarja tal-UE, stabbiliti fil-mandati esterni għal reġjuni differenti tad-dinja: pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni, il-ġirien tal-Lvant u tan-Nofsinhar u Pajjiżi Msieħba fl-Ażja, l-Amerika Latina u l-Afrika t'Isfel. Il-mandati għall-attivitajiet tal-BEI f'dawn ir-reġjuni operaw sal-2013. Il-garanzija tkopri total ta' EUR 29 biljun għall-perjodu 2007-2013. Dan jinkludi EUR 2 biljun f'tislif maħsub għall-azzjoni għall-klima, kif ukoll biex tingħata assistenza għall-pajjiżi tal-Mediterran tan-Nofsinhar li jappoġġjaw ir-riformi politiċi wara r-Rebbiegħa Għarbija. Il-mandati għall-perjodu li jmiss (2014-2020) se jiġu diskussi mill-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament u l-Kunsill Ewropew fl-2013. Billi jaħdem taħt garanzija baġitarja tal-UE, il-BEI jista' jinfluwenza l-fondi tal-UE b'mod effiċjenti fir-rigward tal-ispiża u li jista' jitkejjel u għaldaqstant iżid l-impatt tal-politika esterna.

F'dawn ir-reġjuni kollha, il-Bank jappoġġja proġetti li jikkontribwixxu għaż-żieda tat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Jagħmel dan billi jipprovdi finanzjament u assistenza teknika għall-iżvilupp lokali tas-settur privat, l-infrastruttura soċjali u ekonomika u proġetti ta' azzjoni għall-klima.

Il-mandat tat-tislif għall-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (PTB) jaqa' taħt il-Ftehim ta' Cotonou, li jistabbilixxi r-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi msieħba tiegħu. Il-Ftehim iġġedded l-aħħar fl-2010. Il-finanzjament taħt dan il-qafas huwa pprovdut mill-baġits tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, flimkien mar-riżorsi tal-BEI stess.

Il-BEI, bħala l-bank tal-UE, huwa s-sieħeb naturali tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jiffinanzja proġetti li jappoġġjaw l-objettivi tal-politika tal-UE barra mill-Unjoni. Proġetti ffinanzjati mill-Bank jippreżentaw riżultati tanġibbli u jagħmlu differenza fil-ħajja ta' kuljum tan-nies.

## Finanzjament u kompetenza esperta għall-membri aspiranti tal-UE

It-tislif lill-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni huwa strument importanti biex jgħinhom joqorbu lejn l-aspirazzjoni tagħhom ta' sħubija fl-UE. It-tkabbir tal-Unjoni jeħtieġ investiment biex dawn il-pajjiżi jkunu jistgħu jadattaw għall-mudell ekonomiku u soċjali Ewropew u għall-istandards tal-UE. Fl-2012, it-tislif lill-pajjizi li jixtiequ jissieħbu mal-Unjoni ammonta għal EUR 3.1 biljun. It-tislif lill-Kroazja, li se tingħaqad mal-UE f'Lulju 2013, laħqu EUR 300 miljun.

Fl-2012, il-Qafas tal-Investiment għall-Balkani tal-Punent (WBIF) estenda l-appoġġ tiegħu għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, inizjattivi għall-bidla fil-klima





**Il-BEI qed jappoġġja l-ewwel proġett kbir ta' enerġija mix-xemx fl-Afrika ta' Fuq b'impenn finanzjarju totali ta' EUR 300 miljun. Il-kumpless ta' enerġija mix-xemx ta' Ouarzazate fil-Marokk se jiġġenera l-elettriku għal aktar minn nofs miljun persuna.**

u prijoritajiet oħrajn. Din l-inizjattiva konġunta, imwaqqfa fl-2009 mill-Kummissjoni Ewropea, il-BEI, il-BERŻ u l-Bank tal-Iżvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa, tiġbor ir-riżorsi tal-għotjiet sabiex jinfluwenzaw selfiet għall-finanzjament tal-infrastruttura prijoritarja fil-Balkani tal-Punent. Sa tmiem l-2012, din ipprovdiet EUR 279 miljun f'għotjiet lil aktar minn 138 proġett, u dawn, min-naħa tagħhom, attiraw self ta' investiment li jiswa aktar minn EUR 7.7 biljun minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, li minnhom ġew iffirmati EUR 2.3 biljun.

## Appoġġ għall-pajjizi ġirien tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-UE

Il-Bank għandu prijorità ewlenija li jiżgura tkabbir sostenibbli u l-ħolqien ta' impjiegi fil-pajjiżi tal-Mediterran tan-Nofsinhar (l-Alġerija, l-Eġittu, Gaża/Bank tal-Punent, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk, it-Tuneżija u dalwaqt il-Linja), fejn huwa diġà l-istituzzjoni finanzjarja pubblika ewlenija fir-reġjun u għandu rwol importanti fis-Sħubija Deauville, li twaqqfet biex tappoġġja t-tranżizzjoni demokratika u ekonomika wara r-Rebbiegħa Għarbija. Il-BEI ffirma selfiet li jiswew kważi EUR 1.7 biljun fl-2012 biex irawwem l-iżvilupp tas-settur privat u jaċċellera l-proġetti infrastrutturali fil-pajjiżi Mediterranji.

Il-BEI żamm is-sospensjoni tas-selfiet u l-assistenza teknika tiegħu lis-Sirja matul l-2012, wara d-deċiżjoni tal-UE li timponi sanzjonijiet fuq ir-reġim.

Fil-Viċinat tal-Lvant (l-Ukraina, il-Modova, il-Ġeorġja, l-Armenja, l-Azerbajġan u r-Russja) il-BEI appoġġja b'mod partikolari l-aċċess għall-finanzjament għan-negozji ż-żgħar u proġetti infrastrutturali strateġiċi b'aktar minn EUR 900 miljun f'self fl-2012. Il-Faċilità tal-Imsieħba tal-Lvant tal-Bank tipprovdi finanzjament addizzjonali għal selfiet li jgħinu biex jappoġġjaw l-investiment tal-UE fir-reġjun, speċjalment minn korporazzjonijiet Ewropej.





**Għall-proġett tal-Ilma ta' Kampala, il-BEI ingħaqad mal-imsieħba tiegħu taħt l-Inizjattiva ta' Dipendenza Reċiproka sabiex iġib trattament tal-ilma u distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb imtejbin għat-2.5 miljunin tal-belt kapitali tal-Uganda, inkluż aċċess għal ilma tax-xorb nadif u sigur għal 400 000 persuna addizzjonali.**



## Sħubijiet ma' oħrajn

Is-sħubijiet ma' oħrajn huma karatteristika importanti tal-attivitajiet tal-Bank, b'mod partikolari barra mill-Unjoni. L-għotjiet tal-UE qed jitħaltu dejjem aktar mat-tislif tal-BEI biex jinkisbu riżultati aħjar fi proġetti. Il-Bank qed jieħu sehem b'mod attiv fil-Pjattaforma tal-UE għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Esterni stabbilita biex iżżid aktar l-impatt tal-attivitajiet tal-kooperazzjoni esterna tal-UE. Dan jgħin biex jinfluwenza riżorsi finanzjarji limitati għall-benefiċċju tal-pajjiżi msieħba tal-UE u biex tittejjeb l-effettività tal-iżvilupp.

Il-BEI u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) jikkollaboraw regolarment biex jipprovdu appoġġ finanzjarju għal proġetti fil-pajjiżi tal-viċinat tal-Lvant. Din il-kooperazzjoni qed tiġi estiża għal attivitajiet fil-Mediterran tan-Nofsinhar. Fl-2012, il-BEI ffirma wkoll Memorandum ta' Ftehim mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, il-Kummissjoni Ewropea u l-BERŻ dwar proġetti li jaqgħu taħt is-Sħubija UE-Russja għall-Immodernizzar, biex tiżdied il-kooperazzjoni f'dan ir-reġjun.

Il-BEI jaħdem ukoll mill-qrib mal-aġenzija Franċiża għall-iżvilupp, Agence Française de Développement, u l-bank pubbliku Ġermaniż Kreditanstalt für Wiederaufbau taħt l-Inizjattiva ta' Dipendenza Reċiproka (IDR) li biha waħda mill-istituzzjonijiet parteċipanti tieħu t-tmexxija biex tagħmel valutazzjoni għal kull proġett kofinanzjat. Dan jissimplifika l-proċeduri amministrattivi għall-promotur tal-proġett u jnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjoni. Il-fażi pilota rnexxielha titlesta fl-2012 b'14-il proġett kofinanzjat fl-Afrika tas-Sub-Saħara u fil-Lvant Nofsani/Afrika ta' Fuq u ġew iffirmati linji gwida operazzjonali fil-bidu tal-2013. L-IDR ittejjeb l-effettività tal-finanzjament b'appoġġ għall-politiki tal-UE u toħloq aktar viżibbiltà għall-investiment tal-UE.

## Kejl tar-riżultati għal impatt aktar dirett

Il-BEI qed jipproċedi lejn rappurtar orjentat aktar lejn l-impatt u monitoraġġ aħjar għall-attivitajiet tiegħu barra mill-UE. Fl-2012, il-Bank nieda l-fażi pilota tal-implimentazzjoni tal-qafas ġdid għall-kejl tar-riżultati li jevalwa u jkejjel l-impatt tal-iżvilupp fuq il-bażi ta' indikaturi standard. Il-qafas se jqis l-effetti fiskali u fuq l-impjiegi tal-proġetti ffinanzjati, flimkien mal-effiċjenza fl-enerġija, il-footprint tal-karbonju, is-salvagwardji ambjentali u soċjali, kif ukoll l-impatt fuq governanza korporattiva għal proġetti fis-settur privat.

# Sieħeb finanzjarju sod



Għal aktar minn 50 sena, il-BEI kien sieħeb finanzjarju sod li jappoġġja l-għanijiet tal-UE. Fi żminijiet ta' taqlib, il-Bank jaġixxi bħala sors ta' stabilità. Fl-2012, l-azzjonisti tiegħu ddeċidew li jżidu l-kapital tal-BEI biex jippermettu żieda fl-investiment li se joħloq impjiegi u jikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa.

Il-BEI huwa awtonomu finanzjarjament. Il-kapital tiegħu huwa sottoskritt mis-27 Stat Membru tal-UE, li huma l-azzjonisti tal-Bank. Is-sehem ta' kull pajjiż fil-kapital tal-Bank huwa bbażat fuq il-piż ekonomiku tiegħu fil-mument tal-adeżjoni tiegħu fl-UE. Fl-2012, l-azzjonisti tal-BEI ħadu d-deċiżjoni storika li prattikament jirduppjaw il-kapital imħallas tal-BEI b'żieda ta' EUR 10 biljun. Dan se jippermetti tislif addizzjonali sa EUR 60 biljun fuq perjodu ta' tliet snin għal proġetti vijabbli ekonomikament mal-UE kollha. B'riżultat ta' dan, il-BEI se jżid it-tislif ġenerali tiegħu għal madwar EUR 200 biljun matul il-perjodu 2013-2015 u għaldaqstant iwassal il-komponent tal-investiment tat-tweġiba koordinata tal-UE għall-kriżi.

Is-saħħa finanzjarja tal-BEI ġejja mill-kwalità tal-assi tiegħu, il-governanza soda tiegħu, il-ġestjoni tar-riskju prudenti, il-profitabilità kontinwa u likwidità b'saħħitha. Dawn il-fatturi jingħaqdu biex jiżguraw li l-Bank ikompli jibbenefika minn affidabbiltà kreditizja eċċellenti.

Il-kontijiet fi tmiem l-2012, li jantiċipaw l-injezzjoni imminenti ta' kapital fil-forma ta' flus, urew żieda sinifikanti fil-koeffiċjent tal-adegwatezza tal-kapital — il-koeffiċjent tal-kapital tal-Bank mal-assi tiegħu — li kien ta' 23% fi tmiem l-2012. Il-kwalità tal-assi baqgħet b'saħħitha, b'rata ta' selfiet imħassrin qrib iż-żero fil-mija (0.3%) tal-portafoll tas-self totali fi tmiem is-sena. L-eċċess nett annwali laħaq EUR 2.7 biljun, li jirrifletti livelli rekord ta' tislif fis-snin riċenti.








Distribuzzjoni tal-ħruġ ta' bonds tal-BEI skont ir-reġjun

- Europe
- Asia
- Middle East & Africa
- Americas

# L-akbar sellief sovranazzjonali fid-dinja

Il-Bank huwa l-akbar sellief u jissellef b'mod multilaterali fid-dinja. Fl-2012, ġabar EUR 71 biljun fis-swieq kapitali internazzjonali.

Billi jibni fuq is-saħħa finanzjarja tiegħu, il-BEI jista' jissellef b'rati attraenti ħafna. Il-klijenti tat-tislif tal-Bank jibbenefikaw mill-kundizzjonijiet tas-self tal-BEI, aktar u aktar billi l-Bank ma jfittix li jimmassimizza l-qligħ. Minkejja s-swieq volatili, li kienu influwenzati b'mod negattiv mill-kuntest ekonomiku ħażin fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa, il-Bank ġabar EUR 71.3 biljun fis-swieq kapitali internazzjonali fl-2012, inkluż xi finanzjament minn qabel għall-2013.



# Il-Governanza tal-BEI

## Korpi Statutorji tal-BEI

Il- **Bord tal-Gvernaturi** huwa magħmul minn ministri nnominati minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, ġeneralment il-Ministri tal-Finanzi.

Huwa jistipula linji gwida dwar politika tal-kreditu, japprova l-kontijiet annwali u l-karta tal-bilanċ, u jiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tal-Bank f'attivitajiet finanzjarji barra mill-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq żidiet tal-kapital. Huwa jaħtar ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat tal-Verifika. Il-Bord tal-Gvernaturi jiltaqa' darba fis-sena.

Sa mill-1 ta' Jannar 2012, il-President tal-BEI kien Werner Hoyer. Huwa s-seba' president minn mindu twaqqaf il-Bank fl-1958. Is-Sur Hoyer qabel kien il-Ministru tal-Istat fl-Uffiċċju tal-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, responsabbli għall-politika Ewropea, u Membru tal-Parlament Ġermaniż.

Il- **Bord tad-Diretturi** għandu l-poter esklussiv li jieħu deċiżjonijiet fir-rigward tal-għoti ta' finanzjament, b'mod partikolari fil-forma ta' self u garanziji, u ta' tislif.

Jiżgura li l-Bank jitmexxa kif suppost u jitmexxa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u l-Istatut tiegħu u mad-direttivi ġenerali stipulati mill-Gvernaturi. Il-membri tiegħu, li huma maħtura għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded, jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Bank biss.

Il-Bord tad-Diretturi huwa magħmul minn 28 Direttur: direttur wieħed huwa nnominat minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm 18-il Supplent, jiġifieri li xi wħud minn dawn il-pożizzjonijiet jinqasmu bejn gruppi ta' stati. Barra minn hekk, sabiex titwessa' l-kompetenza professjonali tal-Bord tad-Diretturi f'ċerti oqsma, il-Bord jista' jagħżel b'mod konġunt sitt esperti (tlieta bħala membri u tlieta bħala supplenti), li jipparteċipaw għal-laqgħat tal-Bord fil-kwalità ta' konsulenti, mingħajr drittijiet tal-vot. Għajr fejn hemm stipulat mod ieħor fl-Istatut, id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tik-



Il-BEI huwa l-uniku bank pubbliku li huwa l-proprjetà esklussiva tas-27 Stat Membru. Bħala parti mill-familja tal-UE, iservi biex jikkontribwixxi għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE u jappoġġja l-għanijiet tal-politiki tal-Unjoni fl-attivitajiet kollha tiegħu.

konsisti f'mill-inqas terz tal-membri intitolati għall-vot u li jirrappreżentaw mill-inqas 50% tal-kapital sottoskritt. Il-Bord tad-Diretturi jiltaqa' għaxar darbiet fis-sena.

Il-**Kumitat ta' Tmexxija** huwa l-korp eżekuttiv permanenti tal-Bank. Għandu disa' membri u jaħdem taħt l-awtorità tal-President u s-sorveljanza tal-Bord tad-Diretturi.

Il-Kumitat ta' Tmexxija jieħu ħsieb it-tmexxija ta' kuljum tal-Bank, iħejji deċiżjonijiet għall-Bord tad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Il-membri tiegħu jinħatru għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded u jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Bank biss. Il-Kumitat ta' Tmexxija jiltaqa' darba fil-ġimgħa, ippresedut mill-President. Skont l-Istatut tal-Bank, il-President huwa wkoll iċ-Chairman tal-Bord tad-Diretturi. L-akbar erba' azzjonisti — Franza, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit — għandhom siġġu permanenti fuq il-Kumitat ta' Tmexxija.

Il-**Kumitat tal-Verifika** huwa korp indipendenti li jaqa' direttament taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Gvernaturi u huwa responsabbli għall-verifika tal-kontijiet tal-Bank u biex jivverifika li l-attivitajiet huma konformi mal-aħjar prassi bankarja. Huwa magħmul minn sitt membri, maħtura għal kariga li ma tistax tiġġedded ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi.

Il-Kumitat tal-Verifika għandu jaċċerta li l-attivitajiet tal-Bank ikunu twettqu u li l-kotba tiegħu jkunu nżammu kif suppost. Fil-ħin tal-approvazzjoni tar-rendikonti finanzjarji mill-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat tal-Verifika joħroġ l-istqarrijiet tiegħu dwarhom. Ir-riżultati tal-ħidma tiegħu matul is-sena preċedenti jintbagħtu lill-Bord tal-Gvernaturi flimkien mar-rapport annwali tal-Bord tad-Diretturi.

Il-membri tal-Kumitat tat-Tmexxija mix-xellug għal-lemin: Simon Brooks, Anton Rop, Mihai Tanasescu, Pim van Ballekom, Wilhelm Molterer, Magdalena Álvarez Arza, Dario Scannapieco, Philippe de Fontaine Vive u Werner Hoyer.















Il-BEI jixtieq jirringrazzja lill-promoturi u fornituri li ġejjin għar-ritratti li jinsabu f'dan ir-rapport:

© Sandvik, © CERN, AWS, MicroStart, Communauté d'Agglomération de Montpellier, © Port of Rotterdam, Conseil régional de Bretagne, © Caroline Ablain, © Walney windfarm, © Autolib – Pascal Anziani, © EirGrid, Demis Sport, Itsa Bagel, Vigrad, Millennium Bcp, © Warszawska Kolej Dojazdowa.

Tqassim: EIB GraphicTeam.

Stampat minn Imprimerie Jouve fuq karta MagnoSatin b'inka b'bażi ta' żejt veġetali. Iċċertifikata skont ir-regoli tal-Forest Stewardship Council (FSC), il-karta tikkonsisti 100% f'fibra verġni (li ta' mill-inqas 50% hija minn foresti mmaniġġjati sew).

FSC
Sorsi Mħalltin
Grupp ta' prodotti minn foresti ġestiti sew, sorsi kkontrollati u njam tal-fibra riċiklat
Cert no. BV-COC-856319
www.fsc.org
© 1996 Forest Stewardship Council

Grupp tal-Bank
Ewropew
tal-Investiment

2012 Rapport tal-Attività




**Il-Grupp tal-BEI** jikkonsisti
fil-Bank Ewropew tal-Investiment u
l-Fond Ewropew tal-Investiment.

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment**
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg
(+352) 43 79 – 1
(+352) 43 77 04
www.eib.org – info@eib.org

**Il-Fond Ewropew tal-Investiment**
15, avenue John Fitzgerald Kennedy
L-2968 Luxembourg
(+352) 24 85 – 1
(+352) 24 85 – 81301
www.eif.org – info@eif.org

www.eib.org

© EIB – 03/2013 – QH-AO-13-001-MT-C – ISBN 978-92-861-1750-3 – ISSN 1831-3906 – doi:10.2867/22115 – EIB GraphicTeam